# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru ħamsa u sittin (56) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju, 2010, fis-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Il-Kunsilliera ddiskutew u ddeċidew li wara li jitlesta x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tad-Duluri, nikuntatjaw lir-restawratur sabiex jgħattina stima fuq in-niċeċ li fadal jsiru. Dawn jinkludu l-istatwa ta' San Ġwann f'Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq il-Ħlantun, l-istatwa tal-Kunċizzjoni f'Triq San Pawl, l-istatwa ta' San Pawl f'Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Franġisk, u l-istatwa tal-Madonna f'Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Dun Ġużepp Caruana. Francis Callus rimarka li l-Kunsill għandu jitlob lir-restawratur xi trattament għamel fuq dawn l-istatwi kif wkoll kemm jservi għal tul ta' żmien.

4. Dwar Sqaq Numru 18, ir-residenti ta' dan l-isqaq bagħatu ittra iffirmata fejn ir-resdenti kolla qablu li l-bank f'din it-triq għandu jinqala'. Wara li s-SE qara din l-ittra, l-Kunsilliera qablu unanimament li l-bank f'dan l-isqaq jiġi maqlugħ.

5. Hekk kif intalab mill-Kumpanija SRT, is-Sindku u l-Kunsilliera ipprovdew tliet CVs lil din il-Kumpanija ta' residenti f'Ħal Safi li huma ilkoll kwalifikati u bħal issa qegħdin ifittxu xogħol. Francis Callus ikkonferma li waħda minn dawn il-persuni ikkonfermat li diġa ġiet ikkunttajata għal *interview*. Hija waslet ir-ringrazzjamneti tagħha lil Kunsill ta' din l-opportunità.

6. Is-SE ikkonferma li l-kuntratt mal-GreenPak sabiex l-immaniġġjar tal-ġbir tal-borża l-griża jgħaddi f'idejn din il-kumpanija ġie iffirmat.

7. Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex jidħol is-Sur Axisa, business development manager tal-kumpanija IT Solutions.

   Is-Sur Axisa qal li l-iskop ta' din il-laqgħa huwa sabiex jippreżenta sistema informatika li tiffaċilita l-immaniġġjar ta' xogħol li jsir mil-Kunsill fil-Lokalita. Huwa qal li bħal issa hemm tliet Kunsilli li introduċew din is-sistema u fil-futur qarib hemm il-ħsieb li tiġi ippreżentata lid-dipartiment għal-approvazzjoni uffiċjali tiegħu. Is-Sur Axisa spjega lil-Kunsilliera kif taħdem din is-sistema fid-dettall. Il-prezz huwa ta' €850 bħala spiża inizjali u ċirka €220 fis-sena li tintuża s-sistema. It-tħarriġ u l-*upgrades* jingħataw b'xejn.

**Korrispondenza**

8. Il-Kunsill irċieva stedina minn għand l-iskola San Benedittu fejn ser issir preżentazzjoni ta' ċertifikati lit-tfal ta' l-iskola li ħadmu mal-Kunsilli fis-Sajf.

9. Il-Kunsill irċieva e-mail minn għand il-Water Services Corporation fejn fijha jikkonfermaw ix-xogħolijiet li saru mil-Koperazzjoni f'Ħal Safi fl-2007 sabiex jaddu l-Kunsill il-flus dovuti ta' kull darba li tħafret it-triq fuq servizzi ta' l-ilma f'din is-sena hekk kif ġie approvat mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-SE irrimarka li dan ir-rapport ma jaqbilx eżatt mad-dokumentazjoni tal-Kunsill għalkemm id-diskrepanza hija immaterjali u tista tiġi iġġustifikata.

10. Is-SE ikkonferma li intbagħtet l-email lid-Dipartiment rigward l-istallazzjoni tas-servizz ta' WIFI bla ħlas f'post pubbliku f'Ħal Safi. Is-SE rimarka li fit-tweġiba tal-Kunsill, ġiet mgħotija l-ewwel preferenza lil bandli ta Ħal Safi għaliex dan jiġi frekwentat minn aktar nies, speċjalment ġenituri ta' tfal li jistennew it-tfal waqt l-istħarriġ tal-futbol.

11. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand Dorianne Zammit, impjegata tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Dorianne Zammit ħarġet mil-kamra u inqrat din l-ittra fejn fiha talbet promozzjoni fil-grad ta' impjieg tagħha. Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu unanimament li bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, Dorianne Zammit tiġi promossa fil-grad rispettiv. Is-SE intalab jibgħat l-ittra f'dan ir-rigward għal approvazzjoni tad-Dipartiment.

12. Il-Kunsilliera iddiskutew l-impjieg ta' Maria Dolores Baldacchino u unanimament ddeċidew li l-imjieg tagħha jinqaleb minn wieħed b'kuntratt definit għal wieħed indefinit hekk tif titlob il-liġi. Is-SE intalab jibgħat ittra għal approvazjoni tad-Dipartiment.

**Fuljett**

13. Il-Kunsilliera qablu li jlestu l-messaġġi tagħhom tal-fuljett li jmiss sa nhar it-tlieta 25 ta' Mejju. Il-fuljett huwa pjanat li jitlesta sa nofs Lulju. Għal dan, il-Kunsilliera ser jiltaqgħu f'laqgħa apposta sabiex jiddiskutu l-fuljett li jmiss fid-dettall.

**Skola Sajf 2010**

14. Il-kunsilliera ddiskutew l-attivitajiet li ser isiru waqt l-Iskola Sajf hekk kif ġie preżentat li jsir mis-Sra Dorianne Briffa. Ġie diskuss wkoll il-prezz tat-trasport. Rigward il-pagi ta' l-għalliema dawn ġew riveduti u approvati mil-Kunsilliera.

15. Rigward il-lezzjonijiet tal-ġinnastika ġie deċiż li lis-Sur Alfred De Giorgio jingħata aċċess ta' l-alarm system fis-sala ta'fuq sabiex fis-sajf ikun jista' jibqa' għaddej bil-programm sportiv minkejja li l-kunsill ikun magħluq waqt dan il-ħin.

**Skema Sportiva – Sajf 2010**

16. Inqrat il-formola ta' applikazzjoni ta' l-iskema sportiva – Sajf 2010 hekk kif preżentata mis-Sur Omar Schembri, il-coach tan-nursery ta' Ħal Safi. Jerome Busuttil irrimarka li l-Kunsill għandu jinforma lis-Sur Schembri li l-istħarriġ f'nhar is-Sibt 28 ta' Awissu għandu jiġi ppostponut għaliex jaħbat fil-Festa ta' Ħal Safi. Il-Kunsilliera qablu u approvaw l-iskema sportiva.

**Aġġudikazzjoni ta' Tender tal-PV system**

17. Il-Kunsill irċieva r-rapport tekniku minn għand l-Inġinier Curmi rigward l-aġġudikazzjoni tat-Tender tal-PV System. Il-konklużjoni ta' dan ir-rapport tirrakkomanda li t-tender jiġi aġġudikat lil irħas kumpanija: Panta Marketing Limited, bil-kundizzjoni li dawn jibgħatu żewġ dokumenti oħra hekk kif intalbu mil-Inġinier. Il-Kunsilliera qablu li nistennew dawn id-dokumenti u talbu lis-SE jistaqsi diversi punti ta' kjarifika lil-Inġinier dwar ir-rapport tiegħu.

**Ħwejjeġ Oħra**

18. Eddie Bonello rrimarka li l-*bushes* fis-*central strip* fi Triq il-Karwija għandhom bżonn jinżabru.

19. **Il-Payment Approval** Sheet No. 49 ġiet approvata.

20. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 24 ta' Mejju, 2010.

21. Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm.

Approvati llum 24/05/2010

Sindku | Segretarju Eżekuttiv